

Brussell, 30 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5769/18

PUBLIC 2
INF 16

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL -
OTTUBRU 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2017.¹²

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat b'hal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2017

It-3562 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, (AGRIKOLTURA U SAJD li saret il-Lussemburgu fid-9 ta' Ottubru 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jirrevoka d-Direttiva 994/2010 (Test b'relevanza ŻEE.) ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1-56	22/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: HU
Regolament (UE) 2017/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 286, 1.11.2017, p. 1-8	28/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: ES, NL, SE

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jenħtieġ li l-inizjattiva WiFi4EU jkollha impatt sinifikanti u skalabilità. Għal dan l-għan, huma jinnotaw li jekk ma tistax tiġi garantita b'mod sħiħ żieda ta' bejn EUR 25 000 000 u EUR 50 000 000 fil-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tas-CEF fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi riallokazzjonijiet ta' EUR 120 000 000 fi ħdan dak il-pakkett sabiex ikun iffaċilitat il-finanzjament globali għall-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands

L-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands iqisu li l-aċċess għall-komunikazzjoni elettronika huwa importanti, iżda n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt tal-effetti fit-tul tal-proposta fuq il-kompetizzjoni u r-rieda li jsir investiment huwa problematiku. B'mod partikolari meta wieħed iqs l-investimenti sostanzjali meħtieġa biex jinħolqu kondizzjonijiet għall-kopertura 5G fl-Ewropa fil-futur. L-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands huma wkoll tal-fehma li jenħtieġ li dan it-tip ta' regolament u finanzjament ikunu trattati f'livell nazzjonali u għalhekk ma jistgħux jappoġġaw il-proposta.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-oġettiv ġenerali tal-inizjattiva tal-WiFi4EU u, f'dan ir-rigward, tistieden lill-Kummissjoni tevita kwalunkwe duplikazzjoni ma' offerri privati jew pubbliċi oħra pprovduti fuq bażijiet kummerċjali matul l-implimentazzjoni tal-promozzjoni ta' konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali.

Regolament (UE) 2017/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 284, 31.10.2017, p. 12-13	44/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz ĠU L 286, 1.11.2017, p. 9-14	30/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE, UK
Regolament (UE) 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 billi jestendih sal-2020 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera.) ĠU L 284, 31.10.2017, p. 1-11	29/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Regolament (UE) 2017/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 293, 10.11.2017, p. 1-18	37/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid	12221/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2307 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi ĠU L 331, 14.12.2017, p. 1-3	5530/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill bil-ħsieb tas-seba' sessjoni tal-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ITPGRFA)	12950/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)	15654/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1842 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-politika tal-Kunsill dwar data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill ĠU L 262, 12.10.2017, p. 1-4	11563/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2270 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra ĠU L 326, 9.12.2017, p. 5-6	8919/16

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jifih negożjati u jinnegożjaw Ftehim komprensiv mar-Repubblika Kirgiża	11436/1/17 REV 1 12357/17
Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negożjati dwar u tinnegozja, fisem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra	11438/1/17 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1912 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ĠU L 274, 24.10.2017, p. 1-2	11782/16
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ĠU L 274, 24.10.2017, p. 3-56	12124/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 tad-9 ta' Ottubru 2017dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli ĠU L 274, 24.10.2017, p. 57-57	12146/16
Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli ĠU L 274, 24.10.2017, p. 58-201	12147/16

It-3563 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret il-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa fl-Unjoni Ewropea ĠU L 265, 14.10.2017, p. 1-14	9806/17	B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU C 348, 17.10.2017, p. 4-4	12439/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK

Dikjarazzjoni komuni dwar l-aġġustament tekniku għall-2018 mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja⁽¹⁾

Fid-dawl tal-pubblikazzjoni, fit-18 ta' Settembru 2017 ⁽²⁾ tal-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2018 u fir-rigward tal-proċedura baġitarja annwali attwali, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jixtiequ jirreġistraw l-interpretazzjoni tagħhom tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li l-pagamenti għal strumenti speċjali jrid jittieħed kont tagħhom fi ħdan il-limiti massimi ta' pagament stipulati fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020.

Fl-eżerċizzju tal-aġġustament tekniku, il-Kummissjoni, meta kkalkulat il-marġini globali għall-pagamenti (GMP), għall-kuntrarju ta' dan ta' hawn fuq sostniet li l-pagamenti assoċjati ma' strumenti speċjali ma jittieħidx kont tagħhom fi ħdan il-limiti massimi ta' pagament stipulati fil-QFP għall-2014-2020.

B'kont meħud ta' din id-differenza ta' interpretazzjoni u l-implikazzjonijiet sinifikanti tagħha għall-kalkolu tal-Marġni Globali għall-Pagamenti, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jikkunsidraw li l-GMP għal-2014, l-2015 u l-2016 teħtieġ kalkolu mill-ġdid u jappellaw lill-Kummissjoni biex temenda l-aġġustament tekniku mill-aktar fis possibbli sabiex il-pagamenti taħt strumenti speċjali jittieħed kont tagħhom fi ħdan il-limiti massimi tal-QFP.

L-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja ser jieħdu pożizzjonijiet dwar kull proposta baġitarja abbażi tal-interpretazzjoni korretta kif spjegat hawn fuq.

⁽¹⁾ L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2017, li tressaq fit-28 ta' Lulju 2017, jissuġġerixxi żieda fir-Riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza (EAR) rigward ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020. Fir-rigward tal-pagamenti għal strumenti speċjali, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jixtiequ jagħmlu dikjarazzjoni komuni.

⁽²⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2018 f'konformità mal-movimenti fl-ING (ESA 2010) (Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014–2020) li jagħgorna u jissostitwixxi l-Komunikazzjoni COM(2017) 220 final tal-24 ta' Mejju 2017.

Dikjarazzjoni komuni dwar l-aġġustament tekniku għall- 2018 mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja

Fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tal-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2018, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja jixtiequ jfakkru li skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 kemm l-approprijazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament tal-istrumenti speċjali għandhom jingħaddu lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Dan jikkonforma b'mod sħiħ mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7/8 ta' Frar 2013 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020⁽¹⁾, li talbu l-flessibbiltà speċifika u massima possibbli sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha f'konformità mal-Artikolu 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Għalhekk l-Istati Membri msemmin hawn fuq itennu l-appoġġ tagħhom għall-mod kif il-Kummissjoni tikkalkola l-marġni globali għall-pagamenti bħala parti mill-aġġustamenti tekniċi annwali tal-QFP. Nemmu li kull approċċ ieħor ikun qed jikkontradixxi fundamentalment l-impenn stabbilit fl-Artikolu 323 TFUE, u jxekkel il-kapaċità tal-QFP li jirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti.

Barra minn hekk nixtiequ nfakkru li skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 ma għandha ssir ebda korrezzjoni ex-post għall-aġġustamenti tekniċi ta' snin preċedenti.

⁽¹⁾ Il-paragrafu 101 tal-Konklużjonijiet: Il-QFP ser jinkludi, bħala regola, il-punti kollha li għalihom huwa previst il-finanzjament tal-UE, bħala mezz biex tiġi żgurata trasparenza u dixxiplina baġitarja adegwata. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom, l-Istrument ta' Flessibbiltà, il-Fond ta' Solidarjetà, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva għall-Għajnuna f'Emerġenza u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ser jitqiegħdu barra mill-QFP."

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja li tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15-16	11977/17

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1854 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 265, 14.10.2017, p. 17-18	11978/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19-20	11979/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1856 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 265, 14.10.2017, p. 21-22	11980/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1849 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska ĠU L 264, 13.10.2017, p. 5-6	12446/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1838 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 261, 11.10.2017, p. 17-21	12250/15
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1836 tal-10 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 261, 11.10.2017, p. 1-15	12252/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima	13101/17

It-3564 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI), li saret il-Lussemburgu fit-12 u t-13 ta' Ottubru 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('I-UPPE') ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71	9941/17	Unanimità (kooperazzjoni msaħħa)	L-Istati Membri kollha favur; Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE, HU, MT, NL, PL, SE, UK

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1867 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar it-tnedija fil-Portugall tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika ĠU L 266, 17.10.2017, p. 8-9	9898/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1866 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar it-tnedija fir-Repubblika Ċeka ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi ĠU L 266, 17.10.2017, p. 6-7	9893/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1868 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar it-tnedija fil-Greċja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika ĠU L 266, 17.10.2017, p. 10-11	10476/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Portugall rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi	13196/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39-43	10161/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020	13319/17
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de Portugal ĠU C 350, 18.10.2017, p. 2-3	11876/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2016	13200/17
It-3565 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret il-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għat-tielet laqgħa tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA-3) (Nairobi, 4-6 ta' Diċembru 2017)	13070/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Pariġi u t-tħejjijiet għal-laqgħat tal-UNFCCC (Bonn, 6-17 ta' Novembru 2017)	13198/17

It-3566 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret il-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 2017

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Bożnija-Herzegovinagħal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tal-Bożnija-Herzegovina	12060/17
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Sa fejn l-interventi rapidi fil-fruntiera jistgħu jitqiesu bħala tip speċifiku ta' operazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni u l-Kunsill jifhmu li r-referenza għall-parteċipazzjoni volontarja tal-Istati Membri f'operazzjonijiet konġunti fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif stabbilit fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, tapplika wkoll għal interventi rapidi fuq il-fruntiera fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'kull azzjoni fit-territorju tal-Albanija u/jew tal-Bożnija-Herzegovina u/jew tal-Montenegro, skont il-Ftehimiet dwar l-Istatus kif eventwalment konklużi, ser tkun fuq bażi volontarja.	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tar-Repubblika tal-Albanija	12061/17
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Sa fejn l-interventi rapidi fil-fruntiera jistgħu jitqiesu bħala tip speċifiku ta' operazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni u l-Kunsill jifhmu li r-referenza għall-parteċipazzjoni volontarja tal-Istati Membri f'operazzjonijiet konġunti fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif stabbilit fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, tapplika wkoll għal interventi rapidi fuq il-fruntiera fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'kull azzjoni fit-territorju tal-Albanija u/jew tal-Bożnija-Herzegovina u/jew tal-Montenegro, skont il-Ftehimiet dwar l-Istatus kif eventwalment konklużi, ser tkun fuq bażi volontarja.	

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Montenegro dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tal-Montenegro	12066/17
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni	
Sa fejn l-interventi rapidi fil-fruntiera jistgħu jitqiesu bħala tip speċifiku ta' operazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni u l-Kunsill jifhmu li r-referenza għall-parteċipazzjoni volontarja tal-Istati Membri f'operazzjonijiet konġunti fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif stabbilit fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, tapplika wkoll għal interventi rapidi fuq il-fruntiera fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'kull azzjoni fit-territorju tal-Albanija u/jew tal-Bożnija-Ħerzegovina u/jew tal-Montenegro, skont il-Ftehimiet dwar l-Istatus kif eventwalment konklużi, ser tkun fuq bażi volontarja.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija	12815/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan	13098/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma	13099/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	12562/17
Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	12659/17

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	12565/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina	13109/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1922 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I ĠU L 271, 20.10.2017, p. 41-43	12578/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1921 tas-16 ta' Ottubru 2017dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt tal-CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-istabiliment ta' lista ta' arbitri ĠU L 271, 20.10.2017, p. 38-40	12581/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12-18	12188/15
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iraq sabiex jiġi konkluż Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iraq dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea fl-Iraq (EUAM Iraq)	12196/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1860 tas-16 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 2651, 16.10.2017, p. 8-12	12637/1/17 REV 1		
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1858 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 2651, 16.10.2017, p. 1-4	12641/17		
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1859 tas-16 ta' Ottubru 2017 li jimplementa r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 2651, 16.10.2017, p. 5-7	12942/1/17 REV 1		
It-3567 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJET ĠENERALI), li saret il-Lussemburgu fis-17 ta' Ottubru 2017			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 6/2017 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot esterni tas-sajd u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 Adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2017 ĠU C 390, 17.11.2017, p. 1-24	11382/17 11382/17 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Non approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018	12910/10	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; minbarra: Astensjoni: UK

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Kontrolli tas-Sajd tal-UE: aktar sforzi meħtieġa	13323/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-proposti minn diversi Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji ta' annimali selvaġġi għall-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni fit-tmax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet	12766/17
<p>Dikjarazzjoni minn Spanja u l-Portugall dwar l-inklużjoni tal-ħuta kaħla (prionace glauca) fl-Anness II għall-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji (CMS)</p> <p>Spanja u l-Portugall jappoġġaw il-proposta għal Deċiżjoni li jiġu inklużi speċijiet ġodda fl-Anness II għall-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji, li tiggarrantixxi l-protezzjoni ta' speċijiet uniċi li huma prijorità għal Spanja u l-Portugall, bħall-kaċċamendula griża, kif ukoll speċijiet oħra li l-konservazzjoni tagħhom tista' tkun mhedda. Madankollu, Spanja u l-Portugall ma jqisux li hija meħtieġa l-inklużjoni tal-ħuta kaħla f'dan il-grupp ta' speċijiet, minħabba l-istatus tajjeb ta' konservazzjoni ta' din ir-riżorsa u l-ħidma tajba mwettqa mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd b'appoġġ għaliha. Bħala eżempju, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat miżuri ta' ġestjoni, inkluż limiti ta' qbid, ġbir ta' data u impenji ta' riċerka, li jiżguraw li din ir-riżorsa tkompli tiġi sfruttata b'mod responsabbli, u għalhekk l-inklużjoni tiegħu fl-Anness II ma twassalx għal titjib sinifikanti fil-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, fl-opinjoni ta' Spanja u tal-Portugall, l-inklużjoni ta' din l-ispeċi tista' tibgħat messaġġ kontradittorju fir-rigward ta' popolazzjonijiet ta' klieb il-baħar oħra bi ħtiġijiet ta' ġestjoni differenti.</p>	

Proċedura bil-miktub konkluża fit-18 ta' Ottubru 2017			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2017/1909 tat-18 ta' Ottubru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 269, 19.10.2017, p. 44-45	13179/17		
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2017/1897 tas-18 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta d-Deċiżjoni (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 269, 19.10.2017, p. 1-2	13181/17		
Adozzjoni ta' atti legiŝlattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 23-26 ta' Ottubru 2017)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12-18	51/17 (13626/17)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

It-3569 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR), li saret il-Lussemburgu fit-23 ta' Ottubru 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1-39	31/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva (UE) 2017/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 305, 21.11.2017, p. 8-11	40/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 315, 30.11.2017, p. 40-51	34/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Direttiva (UE) 2017/2109 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u li temenda d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri ĠU L 315, 30.11.2017, p. 52-60	35/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: DE
Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 315, 30.11.2017, p. 61-77	36/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1967 tat-23 ta' Ottubru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqhma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (L-azzjoni preparatorja tal-Unjoni dwar ir-riċerka fid-difiża) ĠU L 279, 28.10.2017, p. 50-54		12934/17	

<p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1960 tat-23 ta' Ottubru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ĠU L 279, 28.10.2017, p. 1-2</p>	<p>12475/17</p>
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</p> <p>Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.</p> <p>Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE mal-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha.</p>	
<p>Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mauritius ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3-24</p>	<p>12479/17</p>

Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mauritius	12477/17
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</p> <p>Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.</p> <p>Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE mal-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha.</p>	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1947 tat-23 ta' Ottubru 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ĠU L 276, 26.10.2017, p. 44-59	12376/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1934 tat-23 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU L 273, 24.10.2017, p. 10-10	12445/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1935 tat-28 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 273, 24.10.2017, p. 11-11	12869/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1933 tat-23 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 273, 24.10.2017, p. 9-9	12260/17

Proċedura bil-miktub konklużi fil-25 ta' Ottubru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1948 tal-25 ta' Ottubru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan ĠU L 276, 26.10.2017, p. 60-61	13441/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1942 tal-25 ta' Ottubru 2017 li jimplementa l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan ĠU L 276, 26.10.2017, p. 1-3	13443/17
Proċedura bil-miktub konklużi fis-27 ta' Ottubru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 ĠU L 281, 31.10.2017, p. 1-10	13111/17
Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Ottubru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1976 tat-30 ta' Ottubru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 281, 31.10.2017, p. 32-33	13630/17